**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **Il-Lepidoptera Maltija – Paul Sammut** – ***L-Identita` Kulturali ta' Malta***

L-Insetti huma grupp ta' annimali invertebrati li wieħed jista' jagħraf minn annimali oħra minħabba li dawn għandhom dejjem sitt saqajn u ġisimhom maqsum fi tliet partijiet: ir-ras, it-toraċi u ż-żaqq.

In-numru ta' insetti fid-dinja huwa ta' xi miljun speċi, kważi żewġ terzi tal-ħlejjaq kollha li nafu bihom. Minħabba n-numru kbir ta' speċi, in-naturalisti, jew aħjar l-entomoloġisti, qasmu l-insetti fi gruppi jew Ordnijiet. Il-Lepidoptera hi dik l-Ordni li tiġbor fiha l-friefet u l-baħrijiet, insetti li għandhom il-ġwienaħ miksija bil-falza, bħalma tkun miksija l-qoxra ta' ħuta. Il-falza fil-friefet hija ta' natura ferm differenti minn dik tal-ħut u x-xebh qiegħed biss fil-mod kif inhuma mpoġġijin.

L-istudju tal-Lepidoptera fil-gżejjer tagħna jmur lura għall-1841 meta l-Ingliż George Angas, waqt waqfa qasira f'Malta, kiteb fuq il-friefet li ra waqt ħarġiet li għamel fil-kampanja tagħna. Studjużi oħrajn, l-aktar stranġieri, komplew kitbu u żiedu jirrekordjaw aktar speċi ma' dawk li kien semma Angas.

Fl-1857, il-Professur Gavino Gulia ta serje ta' taħditiet fuq l-istudju ta' l-insetti f'Malta fil-ġonna ta' Sant' Anton. Sena wara dawn it-taħditiet kienu ġew ippubblikati fi ktieb. Illum nafu li l-identifikazzjoni ta' bosta mill-ispeċi msemmija f'dal-ktieb hi dubjuża. Iżda fih insibu waħda mill-aktar referenzi bikrin għall-baħrijiet ta' Malta.

**Punti Ewlenin**

1. X'tip ta' ħlejjaq huma l-insetti.
2. X'jgħid l-awtur dwar it-tifsir ta' *Lepidoptera.*
3. Kif beda l-istudju tal-friefet f'Malta.
4. L-ewwel studjuż Malti tal-friefet u l-baħrijiet u pubblikazzjoni tiegħu.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **Il-Graffiti – minn kitba ta' *C. Briffa***

Graffit huwa xorta ta' barxa fuq ħajt ta' bini. Jista' jkun taħżiża jew tinqixa ta' disinn li jinftiehem u li jista' jkun akkumpanjat b'xi skrizzjoni. Fl-arkeoloġija l-kelma *graffit* hija terminu ġenerali għall-kitbiet jew it-taħżiżiet fuq bini antik; kitbiet u taħżiżiet li jingħażlu mill-iskrizzjonijiet pubbliċi magħmulin mill-awtoritajiet.

Il-brix tal-graffiti jidher li huwa ħidma marbuta ma' xi xewqa umana qadima. Il-bniedem donnu jrid jesprimi ruħu fuq xi aspetti tal-ħajja li jolqtuh jew li huma viċin tiegħu. F'postijiet oħra nsibu graffiti li jonqxu wkoll il-lingwa u allura għandhom importanza paleografika għax juru forom ta' alfabetti qodma u jiswew lil-lingwista minħabba t-tagħrif li jagħtuh fuq it-taħdit taż-żmien li fih kienu saru. Imma fuq kollox il-graffiti jiddeskrivu, imqar bis-skiet tagħhom, il-ħajja mgħoddija u jikxfu bosta veritajiet.

Fil-każ tal-graffiti ta' Malta, l-enfasi qiegħed mhux fuq il-lingwa imma fuq it-tpinġija, għax is-soċjeta` komuni kienet illitterata. U l-graffiti huma l-aktar marbutin mal-bniedem komuni, mhux mal-bniedem importanti. Fil-kuntest il-wiesa', dawn il-graffiti saru parti mill-kultura Maltija. Il-graffiti Maltin mela, huma komponent essenzjali mill-identita` kulturali u qegħdin jitqiesu mal-kultura umana.

Is-sinjali mibruxa mal-ħitan tal-knejjes, tal-fortifikazzjonijiet u tad-djar tagħna juru, fis-sempliċita` tagħhom, għarfien tal-qawwa li tikkomunika idea. Il-graffiti jintrabtu mal-ħtieġa umana li trid tirrakkonta: tgħid ġrajja u żżomm tifkira tagħha. M'hemmx arti jew letteratura fihom, imma huma rekord u hemm fihom ħjiel ta' seħer primittiv.

**PUNTI EWLENIN**

1. X'jinftiehem bit-terminu graffit.
2. Dak li jrid jagħmel il-bniedem permezz tal-graffit u l-importanza ta' graffiti ta' kitba.
3. L-importanza tal-graffiti ta' Malta.
4. Fejn jinstabu u dak li jridu jikkomunikaw.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **Il-Bidu ta' l-Użu tal-Kompjuters –** ***Pronostku Malti***

Kull ma jmur l-effetti tal-kompjuters qed jinħassu fis-soċjeta`, l-aktar dik f'pajjiżi żviluppati. Malta laqgħet il-miġja tal-kompjuters b'entużjażmu kbir, tant li hawn min qal li ras għal ras, f'Malta hawn aktar kompjuters minn pajjiżi Ewropej oħra. Iżda wieħed irid jifli sewwa x'tip ta' kompjuters deħlin f'Malta u l-użu li qed isir minnhom.

*Home computers* jinxtraw għall-mogħdija taż-żmien li joffri l-logħob elettroniku, jew biex fuqhom wieħed ikun jista` jitgħallem jipprogramma. Fuq dawn il-magni ssib kull xorta ta' programmi miktubin lesti. Uħud minn dawn joffru mezz kif studenti jitgħallmu suġġetti bħall-matematika jew jagħmlu reviżjoni ta' dak li jitgħallmu l-iskola.

Kif għedna, wieħed mill-użu importanti tal-kompjuter huwa bħala għodda għat-tagħlim, kemm għat-tfal fl-iskejjel primarji u speċjalment għal dawk bi bżonnijiet speċjali. Hawn tintuża ħafna l-grafika li tgħin lit-tfal jifhmu permezz ta' simboli u kuluri li jogħġbu l-fantasija tagħhom.

M'hemmx differenzi tekniċi kbar bejn il-*home* u l-*personal computer* ħlief fil-kapaċita` tagħhom, jiġifieri kemm wieħed jista' jżid magħhom. Il-*personal computer* issibu użat fuq xogħol ta' negozju jew minn xi professjonista. F'dan it-tip ta' kompjuter hu neċessarju li l-informazzjoni tinħażen biex aktar tard tkun tista' tiġi użata. Hawn jidħol l-użu tad-diski li joffru mezz ta' ħażna u ta' aċċess ta' l-informazzjoni b'ħeffa.

**PUNTI EWLENIN**

1. L-importanza tal-kompjuters u kif bdew deħlin f'Malta.
2. L-użu ta' *home computers.*
3. Il-kompjuter fl-edukazzjoni ta' studenti b'diffikultajiet.
4. Xi tagħrif dwar il-*personal computer.*

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

**4** **L-Ewwel Teatru – Alfred G. Miceli**

Wara mitt sena li l-opra lirika kienet ilha li nibtet f'Malta, infetaħ l-ewwel teatru pubbliku, dak li llum il-ġurnata nafuh bl-isem ta' Teatru Manoel. F'dawk iż-żminijiet, dan it-teatru kien jissejjaħ bl-isem ta' *Teatro Pubblico*. Inbena bi flus il-Granmastru Portugiż Antonio Manoel de Vilhena, Prinċep ta' Malta u Għawdex, li kien ammiratur kbir ta' l-opra lirika.

L-ewwel ġebla kienet tpoġġiet b'solennita` kbira fl-20 ta' Marzu ta' l-1731 u l-ftuħ sar fid-19 ta' Jannar ta' l-1732. Maġenb it-teatru kienu nbnew ukoll xi djar li kienu jservu biex jilqgħu fihom lil xi kantanti u mużiċisti li kienu jġibu minn barra, speċjalment mill-Italja. Ix-xogħol tal-bini tat-teatru kien f'idejn Francesco Zerafa u Antonio Azzopardi, żewġ periti Maltin, u nbena fit-triq li kienet magħrufa bħala *Strada Carmine* li llum ħadet l-isem ta' *Triq it-Teatru.*

Dak inhar tal-ftuħ kien preżenti wkoll il-Granmastru de Vilhena u l-istaġun ta' l-opra baqa' sejjer sa l-aħħar ta' Marzu. X'aktarx li r-rappreżentazzjonijiet kienu ripetizzjonijiet ta' l-istess tliet opri, fosthom *Merope* u *Il Giocatore Disperato.*

Meta l-biċċa l-kbira tal-Maltin, speċjalment in-nies ta' l-irħula, semgħu b'dan id-divertiment ġdid miftuħ għall-pubbliku in ġenerali, tkażaw mhux ftit bix-xwejjaħ Granmastru. Dan għax semgħu li s-suġġett ta' dawn l-opri ġeneralment kien fuq l-imħabba libertina, tradimenti u qtil. Rawha wkoll bi kbira li f'dawn l-opri kienu jieħdu sehem xi ballerini nisa li l-ilbies tagħhom kien skabruż ħafna għal dak iż-żmien.

**PUNTI EWLENIN**

1. Kif beda t-teatru u bi flus min.
2. F'liema żmien, minn min u fejn inbena.
3. Kif sar il-ftuħ.
4. Ir-reazzjoni tal-popolin.

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**5** **Ruma – Il-Benniena ta' l-Istorja –** ***E. V. Borg***

Mis-safar jibqa' biss il-memorji inċiżi fl-immaġinazzjoni jew f'xi ritratt bil-kulur. Il-memorja tiġġedded kuljum fin-nostalġija jew fil-melankonija tal-bniedem u bħala realta` ħafna drabi tkun iprem mill-veru. Wara safra qasira f'Ruma, waqaft għal mument mill-għaġġla sfrenata ta' ħajti b'dawn ir-riflessjonijiet.

Min ikun jixtieq jistudja intimament ir-Rinaxximent, speċjalment dak partikulari li seħħ fin-Nofsinhar ta' l-Ewropa, iżur il-belt ta' Firenze u t-Toskana, il-benniena u t-tabernaklu jew niċċa ta' din il-kultura umanista u klassika. Jekk wieħed jixtieq jispeċjalizza fiż-Żminijiet tan-Nofs, il-belt ideali hi mingħajr dubju Siena. Iżda jekk l-intenzjoni tkun li tistudja l-iżvilupp storiku ta' l-Ewropa u l-kultura Ewropea, il-lok li jiġbdek bħal kalamita hi Ruma, il-Belt Eterna, il-kapitali tad-dinja Latina.

Maħnuqa bit-traffiku, imniġġsa bid-dħaħen, konfuża bl-istorbju, iffullata bl-abitanti u t-turisti, sfruttata min-negozju u mhedda mill-'progress', Ruma għadha tagħmel stħarriġ dettaljat, eżami bir-reqqa, u r-riżultat aħħari għandu jkun wieħed pożittiv: belt ħajja, tbaqbaq, enerġetika, intensa, sabiħa, meraviljuża u fantastika għalkemm mgħobbija biż-żmien u f'lotta kontinwa ma' l-inkwinament li jherri u jeqred.

L-istorja ta' Ruma hi glorjuża. Tirrakkonta l-ġrajja epika ta' poplu ġelliedi u imperu enormi li fih xtaq jissieħeb kulħadd, fiċ-ċertezza li kien jissaħħaħ u jistagħna fis-sigurta` u l-istabbilita`. Il-problema kien mhux li tifforma parti integrali mill-kultura Rumana, iżda li tibqa' barra, iżolata fil-bard tal-barbariżmu.

**PUNTI EWLENIN**

1. X'jibqa' mis-safar.
2. Għalxiex huma magħrufin Firenze, Siena u Ruma.
3. Impressjonijiet ta' Ruma ta' llum.
4. Il-glorja ta' Ruma tal-qedem.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **Il-Jeddijiet ta' Minoranzi Lingwistiċi – *Mons. L. Cachia.***

Hemm ilsna li jew jinsabu f'minoranza f'pajjiżhom, bħall-Katalan fi Spanja, jew li huma mitkellma minn numru żgħir ta' nies, bħal fil-każ ta' l-ilsien Malti.

Hemm differenza bejn l-*istatus* tal-Malti u dak tal-Katalan. Għaliex il-Malti huwa lsien uffiċjali fir-Repubblika ta' Malta, waqt li fi Spanja l-Katalan huwa lsien ta' parti biss minn dak il-pajjiż. B'danakollu ta' min ifakkar li waqt li fi żmien Franco, l-Katalan kien imwarrab u ppersegwitat, dan l-aħħar kiseb għarfien u għajnuna mill-gvern Spanjol, f'ċerti limiti marbuta, naturalment, maż-żona fejn hu mitkellem.

Iżda l-Malti jixbah lill-Katalan u ilsna oħra ta' minoranza għaliex il-Malti wkoll dam ħafna snin mhux magħruf bħala lsien uffiċjali, imwarrab mill-qrati u l-parlament, u wkoll ippersegwitat. Dak iż-żmien għadda, iżda mhux għal kollox. Għad hawn min jipprova jwaqqa' lsienna għaċ-ċajt jew iwarrbu meta tiġih l-okkażjoni.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Malti huwa mitkellem biss minn xi ftit anqas minn miljun ruħ, jekk ngħoddu l-emigranti Maltin barra minn art twelidna, iqiegħdu fi żvantaġġ meta nqabbluh ma' ilsna mitkellma minn ħafna miljuni ta' nies bħall-Ingliż u l-Franċiż.

Nerġa' ngħid li l-Malti mhux ilsien ta' minoranza fis-sens strett. Iżda l-fatt li jinsab fi żvantaġġ kemm minħabba l-istorja mgħoddija u li għadha ma għaddietx għal kollox, kif ukoll minħabba n-numru żgħir ta' nies li jitkellmuh, iqiegħed l-ilsien Malti fil-kategorija ta' ilsna li għandhom bżonn protezzjoni mill-gvern tal-pajjiż.

**PUNTI EWLENIN**

1. Kif ikunu ilsna ta' minoranza.
2. Id-differenzi bejn il-Malti u l-Katalan.
3. Xebh bejn il-Malti u l-Katalan.
4. L-iżvantaġġ tal-Malti.
5. Għalkemm mhux strettament ilsien ta' minoranza, il-Malti jinħtieġ protezzjoni.

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.*

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

- Il-lingwa Maltija hi magħmula minn element ewlieni Semitiku (Għarbi) u elementi oħra li komplew jiżviluppaw matul dawn l-aħħar elf sena. X'taf tgħid fuq dan?
- X'importanza taħseb li kellu fl-imgħoddi, jew jista' jkollu għalina l-Maltin ta' llum, it-tagħlim ta' lingwi oħra?
- Hawn min jgħid li l-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, inklużi l-*mobiles,* jistgħu jkunu ta' influwenza ħażina, inkella tajba, fuq il-lingwa Maltija. X'inhi l-opinjoni tiegħek fuq dan?
- L-ilsien Malti, għalkemm m'ilux wisq jinkiteb, għadu għaddej minn żvilupp kontinwu, u nsibu xejriet ta' ħajja, bħat-teknoloġija ta' l-informatika jew it-terapija tas-sbuħija, li qed inisslu fil-lingwa vokabularju (kliem) ġdid. X'taf tgħid fuq dan l-iżvilupp. Agħti eżempji. Tista' ssemmi aspetti oħra wkoll barra dawn.
- X'taħseb fuq il-Malti bħala lsien uffiċjali f'Malta, imma lsien ta' minoranza fl-Ewropa u fid-dinja?
- Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li jista' jkollna bl-ilsien Malti meta nkunu barra minn pajjiżna.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari** |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.*

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI**

- Għid fi kliemek x'tifhem bil-frażi *folklor Malti* u semmi xi aspetti ta' dan kif kienu jew għadhom jidhru fost il-Maltin ta' dari u tal-lum.
- Tista' tqabbel xi aspett jew aspetti tal-ħajja tradizzjonali ta' l-antenati tagħna fi żmien l-imgħoddi, forsi mhux daqshekk imbiegħed, ma' dak li fil-fatt isir f'pajjiżna llum? (għin b'eżempju li jista' jinbena aktar fuqu)
- Fil-proġett tiegħek dwar il-folklor Malti inti kont fittixt u ktibt dwar xi aspetti ta' dan il-wirt popolari tagħna l-Maltin. Tista' titħaddet fuq dak li kont ktibt?
- Fost l-aspetti ta' dan *l-għerf bla miktub ta' missirijietna* li hu l-folklor, hemm stejjer jew rakkonti magħrufin bħala ħrejjef u oħrajn differenti magħrufin bħala leġġendi. X'inhi d-differenza bejniethom u/jew taf tirrakkonta xi waħda fil-qosor fi kliemek?
- Il-qwiel (proverbji) kif ukoll l-idjomi huma parti mill-wirt lingwistiku tradizzjonali ta' lsienna. Fisser x'inhu qawl (proverbju) u x'inhi idjoma u agħti xi eżempji.

## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.*

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

### IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA

- X'tifhem meta tgħid *Kultura Maltija* ta' żmienna u agħti eżempji ta' aspetti ta' espressjoni kulturali f'pajjiżna.

- Il-mod tal-għajxien tal-Maltin jiżviluppa kontinwament. X'differenzi tara bejn id-djar tal-Maltin tal-lum u, ngħidu aħna, dawk ta' xi 50 sena ilu? (Jew il-mezzi ta' komunikazzjoni, ta' trasport, il-modi ta' divertiment . . . )

- X'differenzi taħseb li hemm fl-ambjent Malti llum minn dak ta' ħamsin jew sittin sena ilu? Illum hemm xi problemi f'dal-qasam, li qabel ma kinux jeżistu? Hemm inħawi li tbiddlu għal kollox jew kważi minħabba l-iżvilupp? Agħti eżempji anke mill-inħawi tal-belt jew raħal fejn toqgħod.

- Semmi b'eżempji d-differenzi bejn il-modi ta' kif kienu jaqilgħu għajxienhom il-Maltin ta' l-imgħoddi u kif jaqilgħu għajxienhom dawk ta' llum. JEW X'tipi ta' opportunitajiet ta' xogħol kellhom il-Maltin ta' dari u dawk li għandhom illum.

- Agħti tagħrif dwar xi industrija importanti f'Malta llum (it-turiżmu, l-agrikoltura, is-sajd, it-tarzna/*shipbuilding*, in-negozju, il-biedja, il-manifattura fil-fabbriki . . . ) jew fl-imgħoddi ( il-qoton u n-newl, . . . ).

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **Il-Lepidoptera Maltija – Paul Sammut – *L-Identita` Kulturali ta' Malta***

L-Insetti huma grupp ta' annimali invertebrati li wieħed jista' jagħraf minn annimali oħra minħabba li dawn għandhom dejjem sitt saqajn u ġisimhom maqsum fi tliet partijiet: ir-ras, it-toraċi u ż-żaqq.

In-numru ta' insetti fid-dinja huwa ta' xi miljun speċi, kważi żewġ terzi tal-ħlejjaq kollha li nafu bihom. Minħabba n-numru kbir ta' speċi, in-naturalisti, jew aħjar l-entomoloġisti, qasmu l-insetti fi gruppi jew Ordnijiet. Il-Lepidoptera hi dik l-Ordni li tiġbor fiha l-friefet u l-baħrijiet, insetti li għandhom il-ġwienaħ miksija bil-falza, bħalma tkun miksija l-qoxra ta' ħuta. Il-falza fil-friefet hija ta' natura ferm differenti minn dik tal-ħut u x-xebh qiegħed biss fil-mod kif inhuma mpoġġijin.

L-istudju tal-Lepidoptera fil-gżejjer tagħna jmur lura għall-1841 meta l-Ingliż George Angas, waqt waqfa qasira f'Malta, kiteb fuq il-friefet li ra waqt ħarġiet li għamel fil-kampanja tagħna. Studjużi oħrajn, l-aktar stranġieri, komplew kitbu u żiedu jirrekordjaw aktar speċi ma' dawk li kien semma Angas.

Fl-1857, il-Professur Gavino Gulia ta serje ta' taħditiet fuq l-istudju ta' l-insetti f'Malta fil-ġonna ta' Sant' Anton. Sena wara dawn it-taħditiet kienu ġew ippubblikati fi ktieb. Illum nafu li l-identifikazzjoni ta' bosta mill-ispeċi msemmija f'dal-ktieb hi dubjuża. Iżda fih insibu waħda mill-aktar referenzi bikrin għall-baħrijiet ta' Malta.

## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

### (KARTA TA' L-ISTUDENTI)

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **Il-Graffiti – minn kitba ta'** ***C. Briffa***

Graffit huwa xorta ta' barxa fuq ħajt ta' bini. Jista' jkun taħżiża jew tinqixa ta' disinn li jinftiehem u li jista' jkun akkumpanjat b'xi skrizzjoni. Fl-arkeoloġija l-kelma *graffit* hija terminu ġenerali għall-kitbiet jew it-taħżiżiet fuq bini antik; kitbiet u taħżiżiet li jingħażlu mill-iskrizzjonijiet pubbliċi magħmulin mill-awtoritajiet.

Il-brix tal-graffiti jidher li huwa ħidma marbuta ma' xi xewqa umana qadima. Il-bniedem donnu jrid jesprimi ruħu fuq xi aspetti tal-ħajja li jolqtuh jew li huma viċin tiegħu. F'postijiet oħra nsibu graffiti li jonqxu wkoll il-lingwa u allura għandhom importanza paleografika għax juru forom ta' alfabetti qodma u jiswew lil-lingwista minħabba t-tagħrif li jagħtuh fuq it-taħdit taż-żmien li fih kienu saru. Imma fuq kollox il-graffiti jiddeskrivu, imqar bis-skiet tagħhom, il-ħajja mgħoddija u jikxfu bosta veritajiet.

Fil-każ tal-graffiti ta' Malta, l-enfasi qiegħed mhux fuq il-lingwa imma fuq it-tpinġija, għax is-soċjeta` komuni kienet illitterata. U l-graffiti huma l-aktar marbutin mal-bniedem komuni, mhux mal-bniedem importanti. Fil-kuntest il-wiesa', dawn il-graffiti saru parti mill-kultura Maltija. Il-graffiti Maltin mela, huma komponent essenzjali mill-identita` kulturali u qegħdin jitqiesu mal-kultura umana.

Is-sinjali mibruxa mal-ħitan tal-knejjes, tal-fortifikazzjonijiet u tad-djar tagħna juru, fis-sempliċita` tagħhom, għarfien tal-qawwa li tikkomunika idea. Il-graffiti jintrabtu mal-ħtieġa umana li trid tirrakkonta: tgħid ġrajja u żżomm tifkira tagħha. M'hemmx arti jew letteratura fihom, imma huma rekord u hemm fihom ħjiel ta' seħer primittiv.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **L-Oral - Qari** |
|---|---|---|

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3**

**Il-Bidu ta' l-Użu tal-Kompjuters** – ***Pronostku Malti***

Kull ma jmur l-effetti tal-kompjuters qed jinħassu fis-soċjeta`, l-aktar dik f'pajjiżi żviluppati. Malta laqgħet il-miġja tal-kompjuters b'entużjażmu kbir, tant li hawn min qal li ras għal ras, f'Malta hawn aktar kompjuters minn pajjiżi Ewropej oħra. Iżda wieħed irid jifli sewwa x'tip ta' kompjuters deħlin f'Malta u l-użu li qed isir minnhom.

*Home computers* jinxtraw għall-mogħdija taż-żmien li joffri l-logħob elettroniku, jew biex fuqhom wieħed ikun jista` jitgħallem jipprogramma. Fuq dawn il-magni ssib kull xorta ta' programmi miktubin lesti. Uħud minn dawn joffru mezz kif studenti jitgħallmu suġġetti bħall-matematika jew jagħmlu reviżjoni ta' dak li jitgħallmu l-iskola.

Kif għedna, wieħed mill-użu importanti tal-kompjuter huwa bħala għodda għat-tagħlim, kemm għat-tfal fl-iskejjel primarji u speċjalment għal dawk bi bżonnijiet speċjali. Hawn tintuża ħafna l-grafika li tgħin lit-tfal jifhmu permezz ta' simboli u kuluri li jogħġbu l-fantasija tagħhom.

M'hemmx differenzi tekniċi kbar bejn il-*home* u l-*personal computer* ħlief fil-kapaċita` tagħhom, jiġifieri kemm wieħed jista' jżid magħhom. Il-*personal computer* issibu użat tuq xogħol ta' negozju jew minn xi professjonista. F'dan it-tip ta' kompjuter hu neċessarju li l-informazzjoni tinħażen biex aktar tard tkun tista' tiġi użata. Hawn jidħol l-użu tad-diski li joffru mezz ta' ħażna u ta' aċċess ta' l-informazzjoni b'ħeffa.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **L-Ewwel Teatru – Alfred G. Miceli**

Wara mitt sena li l-opra lirika kienet ilha li nibtet f'Malta, infetaħ l-ewwel teatru pubbliku, dak li llum il-ġurnata nafuh bl-isem ta' Teatru Manoel. F'dawk iż-żminijiet, dan it-teatru kien jissejjaħ bl-isem ta' *Teatro Pubblico*. Inbena bi flus il-Granmastru Portugiż Antonio Manoel de Vilhena, Prinċep ta' Malta u Għawdex, li kien ammiratur kbir ta' l-opra lirika.

L-ewwel ġebla kienet tpoġġiet b'solennita` kbira fl-20 ta' Marzu ta' l-1731 u l-ftuħ sar fid-19 ta' Jannar ta' l-1732. Maġenb it-teatru kienu nbnew ukoll xi djar li kienu jservu biex jilqgħu fihom lil xi kantanti u mużiċisti li kienu jġibu minn barra, speċjalment mill-Italja. Ix-xogħol tal-bini tat-teatru kien f'idejn Francesco Zerafa u Antonio Azzopardi, żewġ periti Maltin, u nbena fit-triq li kienet magħrufa bħala *Strada Carmine* li llum ħadet l-isem ta' *Triq it-Teatru.*

Dak inhar tal-ftuħ kien preżenti wkoll il-Granmastru de Vilhena u l-istaġun ta' l-opra baqa' sejjer sa l-aħħar ta' Marzu. X'aktarx li r-rappreżentazzjonijiet kienu ripetizzjonijiet ta' l-istess tliet opri, fosthom *Merope* u *Il Giocatore Disperato.*

Meta l-biċċa l-kbira tal-Maltin, speċjalment in-nies ta' l-irħula, semgħu b'dan id-divertiment ġdid miftuħ għall-pubbliku in ġenerali, tkażaw mhux ftit bix-xwejjaħ Granmastru. Dan għax semgħu li s-suġġett ta' dawn l-opri ġeneralment kien fuq l-imħabba libertina, tradimenti u qtil. Rawha wkoll bi kbira li f'dawn l-opri kienu jieħdu sehem xi ballerini nisa li l-ilbies tagħhom kien skabruż ħafna għal dak iż-żmien.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

**5** **Ruma – Il-Benniena ta' l-Istorja –** ***E. V. Borg***

Mis-safar jibqa' biss il-memorji inċiżi fl-immaġinazzjoni jew f'xi ritratt bil-kulur. Il-memorja tiġġedded kuljum fin-nostalġija jew fil-melankonija tal-bniedem u bħala realta` ħafna drabi tkun iprem mill-veru. Wara safra qasira f'Ruma, waqaft għal mument mill-għaġġla sfrenata ta' ħajti b'dawn ir-riflessjonijiet.

Min ikun jixtieq jistudja intimament ir-Rinaxximent, speċjalment dak partikulari li seħħ fin-Nofsinhar ta' l-Ewropa, iżur il-belt ta' Firenze u t-Toskana, il-benniena u t-tabernaklu jew niċċa ta' din il-kultura umanista u klassika. Jekk wieħed jixtieq jispeċjalizza fiż-Żminijiet tan-Nofs, il-belt ideali hi mingħajr dubju Siena. Iżda jekk l-intenzjoni tkun li tistudja l-iżvilupp storiku ta' l-Ewropa u l-kultura Ewropea, il-lok li jiġbdek bħal kalamita hi Ruma, il-Belt Eterna, il-kapitali tad-dinja Latina.

Maħnuqa bit-traffiku, imniġġsa bid-dħaħen, konfuża bl-istorbju, iffullata bl-abitanti u t-turisti, sfruttata min-negozju u mhedda mill-'progress', Ruma għadha tiftaħ tagħmel stħarriġ dettaljat, eżami bir-reqqa, u r-riżultat aħħari għandu jkun wieħed pożittiv: belt ħajja, tbaqbaq, enerġetika, intensa, sabiħa, meraviljuża u fantastika għalkemm mgħobbija biż-żmien u f'lotta kontinwa ma' l-inkwinament li jherri u jeqred.

L-istorja ta' Ruma hi glorjuża. Tirrakkonta l-ġrajja epika ta' poplu ġelliedi u imperu enormi li fih xtaq jissieħeb kulħadd, fiċ-ċertezza li kien jissaħħaħ u jistagħna fis-sigurta` u l-istabbilita`. Il-problema kien mhux li tifforma parti integrali mill-kultura Rumana, iżda li tibqa' barra, iżolata fil-bard tal-barbariżmu.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Il-Ħames Klassi | MALTI | L-Oral - Qari |
|---|---|---|

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 6 Il-Jeddijiet ta' Minoranzi Lingwistiċi – *Mons. L. Cachia.*

Hemm ilsna li jew jinsabu f'minoranza f'pajjiżhom, bħall-Katalan fi Spanja, jew li huma mitkellma minn numru żgħir ta' nies, bħal fil-każ ta' l-ilsien Malti.

Hemm differenza bejn l-*istatus* tal-Malti u dak tal-Katalan. Għaliex il-Malti huwa lsien uffiċjali fir-Repubblika ta' Malta, waqt li fi Spanja l-Katalan huwa lsien ta' parti biss minn dak il-pajjiż. B'danakollu ta' min ifakkar li, waqt li fi żmien Franco l-Katalan kien imwarrab u ppersegwitat, dan l-aħħar kiseb għarfien u għajnuna mill-gvern Spanjol, f'ċerti limiti marbuta, naturalment, maż-żona fejn hu mitkellem.

Iżda l-Malti jixbah lill-Katalan u ilsna oħra ta' minoranza għaliex il-Malti wkoll dam ħafna snin mhux magħruf bħala lsien uffiċjali, imwarrab mill-qrati u l-parlament, u wkoll ippersegwitat. Dak iż-żmien għadda, iżda mhux għal kollox. Għad hawn min jipprova jwaqqa' lsienna għaċ-ċajt jew iwarrbu meta tiġih l-okkażjoni.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Malti huwa mitkellem biss minn xi ftit anqas minn miljun ruħ, jekk ngħoddu l-emigranti Maltin barra minn art twelidna, iqiegħdu fi żvantaġġ meta nqabbluh ma' ilsna mitkellma minn ħafna miljuni ta' nies bħall-Ingliż u l-Franċiż.

Nerġa' ngħid li l-Malti mhux ilsien ta' minoranza fis-sens strett. Iżda l-fatt li jinsab fi żvantaġġ kemm minħabba l-istorja mgħoddija u li għadha ma għaddietx għal kollox, kif ukoll minħabba n-numru żgħir ta' nies li jitkellmuh, iqiegħed l-ilsien Malti fil-kategorija ta' ilsna li għandhom bżonn protezzjoni mill-gvern tal-pajjiż.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** ___________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 20 | 4 | 8 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki ta' l-Istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***

## Ġurnalisti Nisa




Jekk inħarsu lejn min jikteb fil-ġurnali, insibu li l-parti l-kbira tal-ġurnalisti huma rġiel. Hu minnu li l-qawmien mill-ġdid tal-femminiżmu fetaħ il-bibien ta' dan il-qasam għan-nisa wkoll. Iżda bħalma ammettew il-parteċipanti f'Konferenza Ministerjali tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-qagħda tan-nisa fil-*media* li saret fl-1986 fi Vjenna, in-nisa għad fadlilhom sew biex jilħqu lill-irġiel. Il-preżenza fqira tagħhom ftit li xejn irnexxielha tibdel il-mudell tas-soċjeta', mudell li għadu wieħed maskili. *(par. 1)*

In-nisa sabuha xi ftit bi tqila li jidħlu fil-qasam ġurnalistiku minħabba li hu xogħol marbut ma' barra d-dar u jitlob sigħat twal u ħinijiet irregolari. Jitlob ukoll ħafna ġiri, ġie li minn pajjiż għal ieħor. Hu marbut ukoll ma' ċertu sogru u periklu għall-ħajja. Ma kenux waħda jew tnejn in-nisa li għamlu isem għalihom bħala ġurnalisti. Illum, ħafna nisa żgħażagħ qed jattendu korsijiet ta' taħriġ fil-ġurnaliżmu. Iżda aktarx jiġri li jew ma jispiċċawx il-kors kollu, inkella meta jibdew jaħdmu, jibqgħu dejjem fl-iskaluna l-aktar baxxa - jiġifieri f'dik ta' *reporter*. Ir-raġuni għal dan hi marbuta mal-preġudizzji li għad fadal fl-imħuħ ta' min jimpjega, li ma jafdax lin-nisa fil-pożizzjonijiet ta' importanza. *(par. 2)*

Skond statistiċi li l-*Unjoni Nazzjonali tal-Ġurnalisti* ta' l-Ingilterra ppubblikat fl-1986, il-ġurnalisti nisa Ingliżi, fil-parti l-kbira tagħhom, jinsabu jaħdmu bħala *reporters* mhux ma' l-aqwa ġurnali magħrufa, iżda mar-rivisti ttimbrati *"tan-nisa".* Oħrajn *itellgħu* l-paġni tan-nisa f'uħud mill-ġurnali żgħar, inkella nazzjonali. Aktar ma nersqu 'l fuq fost l-edituri u l-amministraturi, anqas insibu nisa. Il-preżenza tagħhom fil-quċċata hi rari ferm għaliex il-postijiet għolja li jfissru awtorita' u qligħ aktar ta' flus jimtlew mill-irġiel li dejjem jirnexxilhom jimxu aktar 'il quddiem min-nisa. Il-ftit edituri nisa aktarx li jkunu impjegati mar-rivisti tan-nisa. Barra minn hekk, għad fadal ċerti oqsma tal-ġurnaliżmu bħall-fotografija u s-servizzi sportivi, li għadhom prattikament magħluqa kważi għal kollox għan-nisa. *(par. 3)*

F'Malta, fil-qasam tal-gazzetti, sa fl-aħħar bdejna naraw uċuħ ta' nisa, ħafna minnhom uċuħ żgħażagħ, jaħdmu f'impjieg fiss ta' ġurnalisti. Illum, kull stamperija qed timpjega nisa bħala ġurnalisti, għalkemm fil-qasam tekniku, in-nisa għadhom ma ppruvawx jidħlu biżżejjed. Il-ġurnaliżmu bħala karriera għan-nisa, f'Malta dam xi ftit ma qabad. *(par. 4)*

(minn ***Għadma minn Għadmi*** ta' Anġela Callus)

| A. FEHIM IT-TEST | (8 marki) |
|---|---|

1. X'kien li beda jagħti opportunita' lin-nisa li jidħlu fil-qasam ġurnalistiku? *(par.1)*

_______________________________________________ (marka)

2. Xi trid tfisser il-kittieba bil-kliem *"in-nisa għad fadlilhom sew biex jilħqu lill-irġiel"*? *(par.1)*_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Agħti raġuni waħda li tista' tgerrex lin-nisa milli jaqbdu karriera ġurnalistika. *(par.2)*_______________________________________________(marka)

4. Għaliex ħafna nisa ma jingħatawx pożizzjonijiet għolja fil-ġurnaliżmu? *(par.2)*

_______________________________________________

_______________________________________________(marka)

5. X'tifhem bil-kliem *rivisti tan-nisa*? *(par.3)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6. F'liema qasam tal-ġurnaliżmu Malti l-għadd tan-nisa ma spikkax? *(par.4)*

_______________________________________________ (marka)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

Wieġeb kif mitlub: (10 marki)

1. Agħti s-7 forma tal-verb ***fetaħ***. _______________________________
2. Nissel aġġettiv femminil minn ***Ewropa*** eż. : *mara* ____________________
3. Oħroġ verb minn ***parteċipanti***._______________________________

4. Nissel nom minn ***jattendu***.______________________________________

5. Agħti l-parteċipju attiv (preżent) femminil ta' ***qiegħed*** :________________

6. Ikteb is-singular farrad waħdieni ta' ***uħud***.___________________ u ta'

   ***statistiċi***. ___________________

7. Sib nom fil-plural miksur minn paragrafu 4:________________________

8. ***Ma jafdax <u>lin-nisa</u>***. Poġġi pronom flok il-kliem b'sing taħtu u ehmżu mal-verb:

   *Ma* _______________________________

9. Sib verb dgħajjef mill-ewwel paragrafu___________________________

**LESSIKU / VOKABULARJU**

10. *<u>Il-parti l-kbira</u> tal-ġurnalisti (par. 1)*. Agħti kelma waħda għall-kliem b'sing

    taħtu: *Il-* ______________________ *tal-ġurnalisti.* (marka)

11. *Ma kenux waħda jew tnejn (par.2)* tfisser: a) kienu tlieta ___; b) kienu iżjed minn tnejn___; ċ) kienu numru konsiderevoli___. (marka)

12. Mit-tieni paragrafu, sib il-kelma li nassoċjawha ma' *inġustizzji / intolleranzi / diskriminazzjonijiet*. __________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

13. *Jitlob ukoll ħafna ġiri*...*(par.2).* Min hu s-suġġett f'din is-sentenza?

_________________________________________________________ (marka)

14. *....in-nisa għad fadlil<u>hom</u> sew biex jilħqu lill-irġiel. (par. 1) Il-pronom <u>hom</u>*

    f'*fadlil<u>hom</u>* qed jirreferi għan-nisa jew għall-irġiel?_______________ (marka)

15. Il-kelma *prattikament* fl-aħħar sentenza ta' paragrafu 3 turi realta' :

    VERU ___ jew FALZ ___? (marka)

**SINTASSI**

16. Ikteb mistoqsija għal din it-tweġiba:

*Il-ġurnalisti nisa Ingliżi, fil-parti l-kbira tagħhom, jinsabu jaħdmu bħala reporters.*

______________________________________________________________

(2 marki)

17*. "M'għandix il-kwalifiki meħtieġa. M'għamiltx il-kors fil-ġurnaliżmu. Ma nistax napplika għall-post ta' reporter,"* qalet Janet.

Għaqqad f'sentenza waħda mingħajr l-użu tal-konġunzjoni ***u***, u iktibha f' diskors indirett:

Janet qalet li______________________________________________

(2 marki)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** (4 marki)

**IDJOMI, QWIEL, VERBI FRAŻJALI ....**

1. *In-nisa għad fadlilhom x'*_________________________________*biex jilħqu lill-irġiel.*

   Fil-vojt ta' fuq, ikteb idjoma li fiha tissemma parti mill-ġisem u li turi iktar l-isforz li jeħtieġ isir min-nisa. (2 marki)

2. Liema idjoma minn paragrafu 2 turi li karriera ġurnalistika n-nisa rawha diffiċli? _________________________________________ (2 marki)

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** minn ***a*** u ***b*** u ikteb madwar 80 kelma:

a) Ikteb ittra lill-editur tal-gazzetta *L-Għodwa* li fiha tilmenta min-nuqqas ta' kontributuri nisa. Issuġġerixxi xi tipi ta' kitbiet min-nisa u/jew fisser kif in-nisa jistgħu jagħtu xejra ġdida lill-gazzetta bis-sehem tagħhom.

b) Il-Kunsill ta' l-Istudenti ħatrek editur tar-rivista li jippubblika. Ikteb 8 punti dwar tibdil, ideat jew innovazzjonijiet li tixtieq twettaq.

| E. LETTERATURA: QAWSALLA | (30 marka) |
|---|---|

**(i) Aqra din is-silta minn *Katrin ta' l-Imdina* ta' Dwardu Cachia u wieġeb:**

Bir-rassa minn kmieni
Miżgħud kollox kien,
Fejn rasek iddaħħal
Ma fadal imkien;
Id-dar hi maħnuqa,
Bħal bajda mimlija
Imżejna bil-ħxejjex
Għall-għors imħejjija.

Hemm erba' qaddejja
Bilwieqfa fil-bieb
Biex jilqgħu l-ħaddara,
Il-qraba u l-iħbieb;
Il-Ħakem imżejjen
Bi lbiesu s-sabiħ
Kien hieni bilqiegħda
Imdawwar b'kull ġieħ.

Katrina l-għarusa
Bħal warda Maltija
Maġenbu misjuba
Ferħana u mistħija.
U ħdejha mdannitha
U r-raħeb Bennard
Il-barka xtequlhom
Mis-sema sa l-art.





Tpinġija ta' J. Mallia minn *Ġrajjet Malta 2*

1. Għal liema okkażjoni kienet imżejna d-dar ta' Katrin?

_______________________________________________ (marka)

2. Din il-poeżija tissejjaħ: a) narrattiva___, b) eleġija___, ċ) ballata ___,

   d) leġġenda___. (marka)

3. Ikteb żewġ versi mis-silta li juru li n-nies kienet inġabret bi ħġarha għal din

   l-okkażjoni: _______________________________________

   _______________________________________________ (2 marki)

4. Is-silta hi msawra minn: a) ottonarji___; b) ottavi___; ċ) sestini___. (marka)

5. Mis-silta, sib: a) metafora___________________________________ u

b) similitudni (tixbiha)___________________________ (2 marki)

6. L-ewwel taqsima tal-poeżija fiha ton ta' ____________waqt li fl-aħħar taqsima nsibu ton ta' _________________________ (2 marki)

7. Semmi **5** elementi li jorbtu lil din il-poeżija mat-Tema tal-Folklor.

- ________________________________________________________
- ________________________________________________________
- ________________________________________________________
- ________________________________________________________
- ___________________________________________________(5 marki)

**(ii) Wieġeb mistoqsija *WAĦDA* u ikteb f'għamla ta' komponiment ta' madwar 200 kelma:** (16-il marka)

a) It-tfulija mhix dejjem esperjenza sabiħa. Hemm ukoll il-waqtiet suwed. Billi tirreferi għal xi xogħlijiet li studjajt f'**Qawsalla**, uri kemm dan hu minnu.

b) Il-kittieba li kitbu bit-tema *tal-Folklor* fetħu tieqa fuq l-imgħoddi. Ikkummenta billi tirreferi għal xi kitbiet minn **Qawsalla**.

ċ) Irreferi għal xi kitbiet li qrajt f'**Qawsalla** bit-tema *L-Ambjent Soċjali* biex turi kif xi kittieba jiġbdulna l-attenzjoni għal xi nuqqasijiet li jaraw fis-soċjeta'.

d) Agħżel 4 minn dawn il-kitbiet u uri x'karatteristiċi hemm f'kull waħda minnhom li jorbtuha mat-*Tema tar-Relazzjonijiet*. ***Demgħat tas-Silġ*** ta' M. Azzopardi; ***Ir-Raġel tal-Klieb*** ta' O. Friggieri; ***Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*** ta' Ġ. Borg; ***Għax Miet?*** ta' Ġ. Bonnici; ***Tgħidlix*** ta' J. Friggieri; ***Missier u Iben*** ta' F. Ebejer.

## F. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb daqs **350 kelma** fuq karta separata:

i. Kieku kont tgħix f'xi żmien ieħor. Ikteb silta mid-djarju tiegħek.
ii. In-nisa u l-irġiel għandhom ikollhom l-istess opportunitajiet fil-karrieri.
iii. Ikteb intervista li għamilt lil persuna li tammira (kantant/a, sportiv/a, eċċ.)
iv. "X'biċċa ġrat fit-trufijiet tar-raħal!" Irrakkonta x'seħħ.
v. Baqa' lok għall-ġurnalisti f'dinja maħkuma mit-telefon ċellulari u l-*E-mails*?
vi. Ftaħt il-gazzetta u hemm, fl-ewwel paġna..........................